**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 11-10

**Data: 22** ta' Novembru 2010

**Hin:** 17.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 10.10 gew moqrija u approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsillier Roderick Mizzi.

**2. Mill-Minuti:-**

2.1 Devoluzzjoni tac-Cimiterju - Is-Sindku qal li minn korrispondenza li rcieva, ir-rizoluzzjoni qieghda fil-fazi finali.

2.2 Devoluzzjoni tal-art ghac-Centru Civiku – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-process ghal din id-devoluzzjoni lest. Id-Dipartiment tal-artijiet talbu lill-Kunsill il-pjanta proposta. Fl-ahhar ta' din is-sena ghandha tasal il-konferma tad-devoluzzjoni. Fil-bidu tas-sena l-gdida l-Kunsill ghandu jhejji pjan dwar kemm ser jiehu fit-tul il-process u l-progett.

2.3 PPP - Kif imsemmi fl-ahhar seduta, il-Kunsill qabel li peress li ser isiru ftit mit-toroq li kienu fil-pjan tal-Private Public Partnership minn Transport Malta, ghandhom jintghazlu toroq ohra ghall-iskema tal-PPP.

2.4 Mafkar – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li issa li tlestiet il-bazi, ix-xoghol tal-hadid qieghed jiehu aktar fit-tul. Il-kolonna huwa stmat li ser tigi tiswa aktar minn 2,200 ewro ghalhekk ghandha tohrog offerta skond kif huwa stipulat bil-ligi. L-ewwel stima tal-hamiem kienet ta' 800 ewro.

2.5 Kuncert tad-19 ta' Dicembru 2010. Is-Sindku qal li l-iskema tal-attivitajiet li l-Kunsill kien applika ghaliha ghadha ma nghatatx. F'kaz li l-proposta tal-Kunsill ghall-din l-iskema ma tigix approvata, il-Kappillan ippropona li tinqasam l-ispiza tal-Kuncert. F'dak il-kaz il-Kappillan johrog 1,400 ewro u l-Kunsill johrog 1,000 ewro. Il-Kunsill qabel b'vot unanimu li johrog dan l-ammont ghal dan il-Kuncert mill-fondi tal-Kunsill.

## 3. Korrispondenza

3.1 MEPA- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-MCST ghamlu applikazzjoni mal-MEPA ghar-restawr fuq il-bini ezistenti u bini iehor tal-madwar. Ghal dan il-ghan is-Sindku qieghed jitlob li issir laqgha mal-persuni nkarigati mill-MCST u jigi diskussi l-pjanti fid-dettall.

3.2 Kazin Circolo San Giuseppe Socjeta Filarmonika Sagra Familja – Waslet ittra ta' ringrazzjament lill-Kunsill, ghall-ghajnuna li l-Kunsill ta fl-irrangar tal-monument tal-Mro. Gonzi. Fl-istess ittra qieghed jitalab permess sabiex jithaffru t-toqob tal-arbli tal-festa fi Triq Marina. Il-Kunsill approva din il-proposta.

3.3a Skema ghall-Appogg lill-Intrapriza. Il-Kunsill Lokali applika ghall-din l-iskema fejn wera l-hidma tieghu flimkien mal-Kalkara Boatyard. Minkejja li s-Sindku u s-Segretarja gew mistiedna ghas-serata tal-premjazzjoni, l-Kunsill ghadu m'huwiex infurmat jekk l-applikazzjoni tieghu gietx premjata.

3.3b Kalkara Boatyard – Is-Sindku qal li tajjeb li jigu ccarati diversi xnieghat li ghaddejjin bhalissa dwar il-progett tal-Kalkara Marina. Referenza ghas-sinjali u tabelli li twahhlu minn Kalkara Marina – is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kalkara Marina ghandha l-awtorizzazzjoni ta' Transport Malta li jistghu jaghmlu dawn is-sinjali. F'diskussjoni mad-direttur tal-Kalkara Marina, sar qbil li l-Kunsill jaghmel is-sinjal ma' l-art ghal fejn qieghda tirreferi t-tabella mwahhla. Dwar sajd fuq il-post, gie diskuss li sajd jista jsir sakemm jitwahhlu l-puntuni.

## 4. Jum il-Kalkara

Il-Kunsilliera Maria Sultana infrumat lill-Kunsill li ser tigi il-blood mobile unit it-Tnejn 13 ta' Dicembru fi Pjazza Arcisqof Gonzi mit-8.30 ta' filghodu sas-1.00 ta' wara nofsinhar. Dan l-avviz ghandu jidher fil-fuljett li ser jintbghat f'kull dar. Hija fakkret ukoll li nhar id-9 ta' Dicembru 2010 ser issir il-laqgha tal-Kunsill mat-tfal tal-iskola primarja Kalkara. Gie deciz ukoll li reception zghira ghall-okkazjoni ta' Jum il-Kalkara ghandha issir biss fis-serata tal-Kuncert Muzikali is-Sibt 11 ta' Dicembru 2010.

## 5. Laqgha Pubblika

Il-Kunsill iddecieda li l-Laqgha Pubblika Annwali li fiha jinqara r-rapport ta' hidma tas-sena 2010 u jigi diskuss dak tas-sena 2011, issir il-Hadd 16 ta' Jannar 2010, fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali fl-10.00 ta' filghodu.

## 6. Approvazzjoni ta' xogholijiet u nfieq

Green Challenge Award – Il-Kunsill ghamel erbgha applikazzjonijiet ghal dan l-Award, bil-progett tal-Community Centre, li jinkorpora fih l-investiment fil-librerija pubblika li tiftah 22 siegha fil-gimgha u s-servizz tal-kura primarja b'xejn ghar-residenti kif ukoll l-investiment fil-post innifsu. Gnien tas-Salvatur, l-upgrading tal-istess gnien u l-mappa ta' malta skond ir-regjuni. Il-genb tal-Knisja site off Triq il-Kapuccini, fejn tranga, saret nicca ghall-Madonna, inzerghu pjanti u sar bir li jservi ghat-tisqija tal-istess pjanti. Energy Saving Scheme fl-isqaqien u fil-Housing Estate tar-Rnella, kif ukoll il-manutenzjoni tal-istess Housing Estate li ssir b'mod kontinwu.

Il-Haddiema qeghdin jaghmlu manutenzjoni tad-dawra tal-iskola, fejn inzebah il-hajt kollu ta' mad-dawra kif ukoll qieghda issir il-manutenzjoni fuq il-hadid tad-dawra. Is-Sindku rega fakkar lill-Kunsilliera Maria Sultana dwar l-agreement li kellu jsir mal-iskola dwar il-bicca ta' art mitluqa fl-iskola sabiex il-Kunsill ikun jista jghin fit-tindif taghha.

Giet apporvata l-lista ta' nfieq bin-numru 11/2010.

## 7. Aggornament

7.1 Il-Kunsilliera Maria Sultana ghaddiet dawn il-punti:

a) Issuggeriet li tinghata tifkira lill-genituri ta' Nicole Zahra peress li kienet studenta tal-Year 6 u li shabha tal-klassi kollha ser jiehdu l-premju. Hija saqet li jkun gest nobbli li l-Kunsill xorta jirrikonoxxi l-hidma taghha fis-sena skolastika. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta

7.2 Il-Vici Sindku Norbert Grech ghadda dawn il-punti:-

a) Issuggerixxa li jinghata certifikat lill-klabb tar-regatta ghall-hidma taghhom li tat unur lill-Kalkara. Il-Kunsill approva din il-proposta.

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jaghti l-Ghoti ta' Mertu ghall-Kuragg u Generozita lill-Lawrence Zammit li hadem hafna mal-Kunsill b'mod volontarju u li ghamel unur lill-lokalita bl-inizjattiva u l-hidma tieghu.

Is-Sindku ppropona wkoll li l-Kunsill juri l-apprezzament tieghu ghall-impenn u dedikazzjoni fuq il-post tax-xoghol lil qatt minsi Emmanuel Pulis, haddiem mal-Kunsill li mar f'dinja ahjar f'Awwissu li ghadda u li bl-atitudni tieghu fuq il-post tax-xoghol kien bniedem ezemplari.
Il-Kunsill approva dawn il-proposti.

b) Il-Vici Sindku Norbert Grech semma li il-private tal-iskola primarja Kalkara m'hix tidhol mit-Triq il-Gdida ta' Smart City. Is-Sindku qal li filwaqt li t-trasport tal-iskola jaqa taht ir-responsabbilta tal-Iskola Primarja, jista jaghti l-kaz li d-driver qieghed isibha difficli li jdur u johrog bil-Coach mit-Triq il-Gdida. Huwa qal li fil-kaz li t-trasport ikun bil-Mini Bus din m'ghandha ssib l-ebda diffikulta li biex tghaddi mit-Triq imsemmija. Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li hi diga tkellmet hi mal-Kap tal-iskola

wara diversi lmenti mir-residenti u l-Kap tal-iskola issuggeriet sabiex il-Kunsill iwahhal tabella fit-triq l-antika. Is-Sindku qal li peress li din hija issue dwar trasport tal-iskola, il-Kunsilliera Maria Sultana ghandha tkellem lill-Kap tal-Iskola dwar dan il-kaz.

7.3 Il-Kunsilliera Speranza Chircop ghaddiet dawn il-punti:

a) Issuggeriet li isir yellow line minflok il-parking bays ta' quddiem ir-residenzi ta' Triq Rinella qabel tinzel ghall-bajja peress li meta jkun hemm il-karozzi pparkjati xi individwi qed jidhlilhom l-ilma gewwa. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta ghax gie diskuss li yellow line m'ghandux isir quddiem residenza wahda biss meta ghandek it-triq kollha li qed ikollha l-istess problema.

b) Ser isir kors iehor tal-Aerobika jibda wara is-7 ta' Dicembru, u kors gdid taz-Zumba sabiex jitnizzlu bhala informazzjoni lir-residenti fil-fuljett li ser jitqassam bieb bieb.

7.4 Il-Kunsillier Roderick Mizzi ghadda dawn il-punti:

a) Huwa ssuggerixxa sabiex titpogga skip tal-karti fejn il-ground tal-football

M.Cohen
Sindku

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

# AGENDA

## Seduta nru 12/10

Ser issir seduta tal-Kunsill Lokali nhar il-Hamis 30 ta' Dicembru 2010 fit-3.00 ta' wara nofsinhar fl-Ufficcju tal-Kunsill Lokali b'din l-Agenda.

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Programm ta' Hidma
5. Approvazzjoni tal-lista ta' pagamenti
6. Aggornament

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv

Is-Seduta miftuha ghall-attendenza tal-pubbliku